8 ta' Frar, 1957

Imħallfin:—

Is-S.T.O. Sir L.A. Camilleri, Kt., LL.D., President;
Onor. Dr. A.J. Montanaro Gauci, C.B.E., K.M., LL.D.;
Onor. Dr. W. Harding, K.M., B.Litt., LL.D.

Walter George Whicker ne. *versus* Carmelo Caruana ne.

## Apertura ta' Kreditu — Bank — Merkanzija — Dokumenti

*Il-Bank li jaċċetta l-mandat li jiftaħ kreditu għandu jagħmel eżattament dak li l-klijent ikun irrikjeda li huwa jagħmel.*

*Mill-banda l-oħra, wieħed mill-iskopijiet tal-apertura ta' kreditu huwa dak li jissodisfa l-interess tal-venditur li l-kumpratur ma jiġix fil-pussess tal-merkanzija jekk kontestwalment ma jħallasx il-prezz tagħha, u skop ieħor hu dak li jissodisfa l-interess tal-kumpratur li ma jħallasx jekk ma jirċevix il-merkanzija. L-interpożizzjoni tal-Bank, mbgħad, hija kawtelata bil-garanzija reali derivanti mill-pussess tat-titoli u tad-dokumenti relattivi — garanzija li tisfa fix-xejn, non ostanti li l-Bank ikollu f'idejh it-titoli u d-dokumenti tal-merkanzija, jekk u xi mod, tajjeb jew ħażin, il-kumpratur jottjeni l-pussess tal-merkanzija mingħajr dawk it-titoli u dokumenti.*

*Għaldaqstant toħroġ ir-regola illi, jekk il-kumpratur ikun ġie fil-pussess tal-merkanzija, ma jistgħax jirrifjuta li jirrimborża lill-Bank il-prezz li dan ikun ħallas lill-venditur għal dik il-merkanzija fit-termini tal-apertura tal-kreditu.*

*Hu veru li fl-apertura ta' kreditu l-obligazzjonijiet tal-Banka ordinatorja huma ċirkoskritti mill-kondizzjonijiet tal-apertura tal-kreditu, u illi fost l-obligi tal-Banka ordinatorja hemm dak li tivverifika r-regolarità tad-dokumenti li jiġu lilha preżentati, sabiex tara jekk jikkorrispondux mal-klawsoli tal-akkreditament, u għalhekk normalment il-Bank, qabel ma jħallas, għandu jikkunsidra xi diskrepanzi li jkun hemm fid-dokumenti in kwantu li din id-diskrepanza tista' tinfluwixxi fuq il-klawsoli tal-apertura tal-kreditu, u kwindi l-Qorti jkollha teżamina l-kwistjoni jekk, fil-każ li l-Banka tkun ħallset għan-nom tal-mandant tagħha, il-Banka għamletx sewwa jew kienetċ f'kolpa filli ma tagħtix każ ta' dik id-diskrepanza; imma l-irtir tal-merkanzija da parti tal-mandant jissana l-ħlas magħmul mill-Banka; għaliex dak l-irtir bilfors jimplika l-aċċettazzjoni tar-regolarità tad-dokumenti. Diversament jiġi kreat l-assurd ġuridiku li l-kommittent tal-apertura*

*tal-kreditu jista' minn naħa waħda jirtira l-merkanzija u jispekulaha, u minn naħa oħra jirrifjuta li jħallas lill-Banka ordinatorja li tkun ħallset għalieh il-prezz ta' dik l-istess merkanzija.*

*Xejn ma tiswa l-allegazzjoni tal-kommittent tal-apertura tal-kreditu fissens li hu rtira l-merkanzija għaliex bejnu u bejn ir-rappreżentant tad-ditta tal-karikatur tal-merkanzija, preżenti f'Malta, sar xi ftehim jew xi arranġament li kien jimporta riduzzjoni fil-prezz tal-merkanzija, u li għalhekk hu ġie preġudikat bil-fatt li l-Banka ordinatorja ħallset il-prezz kollu skond it-termini tal-apertura tal-kreditu; jekk il-Banka kienet estranea għal dak il-ftehim jew arranġament, hija ma għamlet ħaġ'oħra ħlief eżegwiet l-obligi tagħha skond it-termini tal-apertura tal-kreditu. Il-Banka kienet biss vinkolata mit-termini tal-kummissjoni tagħha kif manifestati lill-benefiċjarju; u għalhekk, meta hija ħallset skond dik l-apertura tal-kreditu, dak il-ħlas ma jistgħax jiġi mpunjat mill-kommittent, ġa ladarba dan ikun irtira l-merkanzija; u dan hu obligat jirrifondi lill-Banka ordinatorja s-somma li hija tkun ħallset għalieh.*

Il-Qorti;—Rat l-att taċ-ċitazzjoni quddiem il-Qorti tal-Kummerċ tal-Maestà Tagħha r-Reġina, li biħ l-attur nomine, wara li premetta li hu, fid-data fid-19 ta' Ġunju 1954, fuq ordni tal-konvenut nomine u fl-interess tiegħu, fetaħ kreditu per mezz tal-Banca Commerciale Italiana ta' Catania, favur Gerolamo Fontana ta' Catania, fis-somma ta' £2,400, rappreżentanti dina s-somma l-prezz ta' mitt tunellata ful li l-konvenut nomine xtara minn għand l-imsemmi Gerolamo Fontana (dok. A, li qiegħed jiġi eżibit bl-animu li jiġi rtirat wara lil-kawża tiġi definittivament deċiża); u li l-imsemmija partita ful waslet Malta per mezz tal-M/V Anna D'Arrigo fil-15 ta' Lulju 1954; u li l-konvenut nomine għall-ewwel irrifjuta li jieħu konsenja tad-dokumenti relattivi għall-istess partita ful, u dan għar-raġuni li huwa allega xi diskrepanzi bejn l-istess dokumenti u l-kondizzjonijiet tal-kreditu, imma in segwitu l-konvenut nomine, li kien anki l-aġent tal-M/V Anna D'Arrigo, fid-19 ta' Lulju 1954 ħa l-konsenja tal-merkanzija, u dana mingħajr ma rtira d-dokumenti relattivi, li kienu u għadhom sal-lum f'idejn l-attur nomine; u li bħala konsegwenza tal-konsenja tal-merkanzija li ħa l-konvenut nomine l-attur nomine kien

fl-obligu li jħallas lill-Banca Commerciale Italiana s-somma ta' £2,400; liema pagament ġie effettwat fl- 24 ta' Lulju 1954; *u li l-konvenut nomine, non ostante* li ġie uffiċjalment interpellat, irrifjuta li jħallas lill-attur nomine s-somma fuq msemmija, li, kif ingħad, ġiet mill-istess attur nomine mħallsa fl-interess eskluživ tal-konvenut nomine; talab li, prevja kull dikjarazzjoni neċessarja u mogħti kull provvediment opportun, il-konvenut nomine jiġi kundannat iħallsu s-somma ta' £2,400, li ġiet imħallsa minnu fl-interess tal-konvenut nomine għat-termini tal-kreditu fuq imsemmi, li ġie miftuħ fuq ordni tal-konvenut nomine stess. Bl-imgħax kummerċjali mill-24 ta' Lulju 1954, data tal-pagament magħmul mill-attur nomine, u bl-ispejjeż, komprizi dawk tal-ittra uffiċjali tas-16 ta' Marzu 1955. B'riżerva ta' kull azzjoni oħra lilu kompetenti skond il-liġi kontra l-konvenut personalment, kemm kontra d-ditta "Carmelo Caruana & Co.", kemm ukoll kontra tiegħu bħala aġent tal-proprjetarji tal-M/V Anna D'Arrigo;

Rat in-nota tal-eċċezzjonijiet tal-konvenut nomine, li ssottometta:— Illi d-dokumenti li fuqhom kellu jsir il-ħlas skond l-apertura tal-kreditu ma kienux kif kellhom ikunu, u għalhekk l-attur għamel ħażin li ħallas, speċjalment meta l-konvenut qallu biex ma jħallasx; illi l-irtir tal-merkanzija da parti tal-eċċipjent ma jistgħax jammonta għall-irtir tal-oppożizzjoni tiegħu għall-ħlas, billi l-eċċipjent ħa l-merkanzija bil-kunsens tar-rappreżentant tas-sid tal-istess merkanzija, li kien qiegħed f'Malta, u bl-intendiment li din l-oppożizzjoni għall-ħlas tibqa' sseħħ;

Rat is-sentenza ta' dik il-Qorti tal-11 ta' Mejju 1956, li biha ddeċidiet adeživament għall-istanza, bl-ispejjeż, billi kkunsidrat;

Illi l-fatti li taw lok għal dina l-kawża huma, fil-qosor dawn:—

Fid-19 ta' Gunju 1954 il-Bank attur, fuq ordni tal-konvenut nomine, fetaħ kreditu, per mezz tal-Banca Commerciale Italiana ta' Catania, favur id-ditta "Gerolamo Fontana" tal-istess Belt, għas-somma ta' £2,400, prezz ta' mitt

tunellata ful mixtrija mill-konvenut minn għand l-imsemmija ditta "Gerolamo Fontana";

Fis-7 ta' Lulju 1954 (fol. 6), dak il-kreditu ġie modifikat fis-sens riżultanti mid-dokument fil-fol. 5 tal-proċess, u li hu tat-tenur segwenti:— "Description goods to read new 50 tons 'fave massa spinta bella bianca', and 50 tons 'larghetto ottime belle bianche', both 1954 new crop, maximum foreign matter 2%. 'Sorveghlianza', leading, weight certificate and analysis certificate account consignees payable in Malta to 'Sorveglanza' representative. Bills of lading to bear also clause signed by master of vessel "Goods are well separated in hold'";

Il-merkanzija waslet Malta fil-15 ta' Lulju 1954 permezz tal-moto-nave "Anna D'Arrigo", ta' liema veljer il-konvenut kien l-aġent; u ġiet "released for consumption in these islands" fid-19 tal-istess xahar (fol. 51);

Dak inhar, jew l-għada, ġie Malta Giovanni Stella, rappreżentant tad-ditta "Fontana", u l-konvenut nomine nfurmah illi skond iċ-ċertifikat tas-"Sorveglianza", li dan kellu f'idejh, il-merkanzija ma kienetx ġiet karikata skond il-ftehim, u li kien jaħseb, kwindi, li l-Bank ma jħallasx; iżda sar ftehim bejn l-istess konvenut u l-imsemmi Stella, fis-sens illi dan, għad-ditta "Fontana", jagħti lill-konvenut nomine ċerta somma, ossija jagħmillu riduzzjoni fil-prezz tal-merkanzija, jirregolaw il-kontijiet li kien hemm pendenti bejn l-istess konvenut nomine u d-ditta "Fontana", u mbgħad, meta Stella jirritorna f'Catania, il-Banca Commerciale Italiana tħallas il-bilanċ, li in segwitu ġie stabbilit fis-somma ta' £2,194. 2. 4. Il-konteġġ sar definittivament fil-21 ta' Lulju 1954 (fol. 32 u fol. 45); u dak inhar stess l-imsemmi Stella siefer lejn Catania. Meta sar l-imsemmi konteġġ, il-konvenut nomine kien ġa rtira u ħa taħt idejh il-merkanzija (fol. 47), non ostante li ma kellux f'idejh it-titoli li kienu jirrappreżentawha; u dana seta' jsir il-għaliex l-istess konvenut nomine kien l-aġent tal-motoveljer li fuqu ġiet karikata u waslet Malta l-merkanzija;

Fit-22 ta' Lulju 1954, id-ditta "Fontana" kitbet lill-konvenut nomine fis-sens li ma setgħetx tnaqqas l-ammont

li Stella kien iddeduċa, għar-raġuni li l-kreditu kien diġà ġie minnha użufruwit; u anki għaliex dan ma setgħax jagħmlu, kif kitbet dik id-ditta, "per il vincolo e disciplina con i cambi con l'estero che conseguentemente, una volta che è stato usufruito il Benestare Bancario Modulo Esportazione A, che disciplina il pagamento della Banca col valore della fattura di esportazione, non può avere rettifiche". Dik id-ditta spiċċat biex qaltlu li kienet qegħdha żżomm "a conto sospeso le prodotte registrazioni di c/c" (fol. 33);

Id-dokumenti waslu f'Malta fid-19 ta' Lulju 1954 (fol. 50); u fit-22 ta' l-istess xahar il-Bank attur informa lill-konvenut li kienu waslu; u dana, mingħajr ma kien għadu ra dawk id-dokumenti, irrisponda li ma riedx jaċċettahom, billi kien għamel xi "claim" kontra d-ditta "Fontana" u din kienet ippromettietlu xi riduzzjoni, u talab lill-Bank attur biex jibgħat telegramm lill-Banca Commerciale Italiana f'Catania fis-sens li ma jaċċettax id-dokumenti jekk ma ssirx dik ir-riduzzjoni (fol. 12). In segwitu, dak inhar stess, il-konvenut mar il-Bank (sukkursali tad-Dwana) biex jara d-dokumenti, u rrileva diskrepanza bejn id-data tal-"polizza di carico" u dik li fiha, skond iċ-ċertifikat tas-"Sorveglianza", il-merkanzija kienet ġiet karikata, u talab illi fl-imsemmi telegramm tiġi wkoll rilevata din id-ċirkustanza (fol. 13 tergo). Il-konvenut ma nfurmax lill-Bank attur li huwa kien ġa rtira l-merkanzija u li kien sar ma' Stella l-ftehim fuq imsemmi. It-telegramm ġie spedit fit-22 ta' Lulju 1954 (fol. 14), u ġie riskontrat bit-telegramm tal-Banca Commerciale Italiana fuq indikat tat-23 ta' Lulju 1954, riċevut mill-Bank attur fl-24 ta' l-istess xahar, li bih ġew respinti l-pretensjonijiet tal-konvenut nomine;

Fil-fatt, il-"polizza di carico" hija datata 7 ta' Lulju 1954, u fiha jingħad illi "la merce è ben separata nella stiva" (fol. 56); mentri skond iċ-ċertifikat tas-"Sorveglianza", l-imbark ġie effettwat mid-9 sat-12 ta' Lulju 1954. Il-konvenut jallega wkoll li kien sab illi l-merkanzija ma kienetx ġiet stivata separatament minn merkanzija oħra, imma kienet tinsab imħallta ma' ta' ħadd ieħor, u kienet in parti fuq il-gverta (fol. 44 tergo). Jirriżulta, inoltre, illi fil-

fattura ma kienx hemm l-indikazzjoni li l-"crop" kien tal-attur biex jibgħat telegramm lill-Banca Commerciale Ita-1954 (fol. 79); però ġie ndikat li kienet "nuovo raccolto" (fol. 53);

Meta d-ditta "Fontana" kkarikat il-merkanzija, ippreżentat id-dokumenti lill-Banca Commerciale Italian f'Catania, u tħallset fid-9 ta' Lulju 1954 (fol. 16). Dik il-Banka ġiet mbgħad, fil-21 ta' Lulju 1954, akkreditata b'dak l-ammont mill-Barclay's Bank f'Londra (fol. 79). Fl-24 ta' Lulju 1954 il-Bank attur sar jaf li l-konvenut kien irtira l-merkanzija u akkredita bl-istess ammont lill-Barclay's Bank f'Londra (fol. 16 tergo);

Illi l-komprovendita kontra apertura ta' kreditu inħolqot sabiex fil-komprovenditi bejn pjazzez il-bogħod minn xulxin jiġu soddisfatti, minn naħa waħda l-interess tal-venditur li jirrealizza mill-aktar fis l-inkass mingħajr il-bżonn li joqgħod jistenna li l-merkanzija tasal għand il-kumpratur u l-interess tal-istess venditur li jkun garantit illi l-kumpratur ma jkunx jista' jiġi fil-pussess tal-merkanzija jekk mhux bil-ħlas kontestwali tal-prezz, u minn naħa l-oħra l-interess tal-kumpratur li ma jeżegwix il-ħlas fl-att li jikkonsegwixxi d-disponibbilità tal-istess merkanzija, al-menu per mezz tat-titoli li jirrappreżentawha. Dawn l-interessi, ispirati għad-diffidenza u in konflitt bejniethom, prattikament jiġu soddisfatti bl-interpożizzjoni tal-banek li jipprestaw ruħhom, bi ħlas għas-servizz li jirrendu, ħalli jantiċipaw lill-venditur is-somma lilu dovuta mill-kumpratur, billi mbgħad jeħduħ lura minn għand il-kumpratur, u fl-istess ħin jikkawtelaw ruħhom bil-garanzija reali li tiddenivalhom mill-pussess tat-titoli li jirrappreżentaw il-merkanzija vjaġġanti, u bid-dokumenti l-oħra li jkunu jirriferixxu għal dawk it-titoli;

Illi l-Bank li jaċċetta l-mandat li jiftaħ il-kreditu għandu jagħmel eżattament dak illi l-klijent irrikjeda li huwa jagħmel. "The Bank, if they accept the mandate, must do exactly what their customer requires them to do ...... If the Bank want to be reimbursed by the customer, they must show that they have performed their mandate" (J.4,

Raynor & Co. Ltd. and others v. Hombros Bank Ltd. (1942), 59, T.L.R. 21);

Illi, però, kif ġa fuq ġie rilevat, wieħed mill-iskopijiet tal-apertura ta' kreditu huwa dak li jissodisfa l-interess tal-kumpratur li ma jeżegwix il-ħlas ħlief fl-att li jikkonsegwixxi d-disponibbilità tal-istess merkanzija, u tal-venditur li l-kumpratur ma jiġix fil-pussess tal-merkanzija jekk kontestwalment ma jħallasx il-prezz tagħha; u skop ieħor huwa dak li jissodisfa l-interess tal-kumpratur li ma jħallasx jekk ma jirċevix il-merkanzija. Inoltre, l-interpożizzjoni tal-Bank hija kawtelata bil-garanzija reali derivanti mill-pussess tat-titoli u tad-dokumenti relattivi, liema garanzija tisfa fix-xejn, non ostante li l-Bank ikollu f'idejh it-titoli u d-dokumenti tal-merkanzija, jekk b'xi mod, tajjeb jew ħażin, il-kumpratur jottjeni l-pussess tal-merkanzija mingħajr dawk it-titoli u dokumenti. Minn dawn il-konsiderazzjonijiet toħroġ ir-regola illi, jekk il-kumpratur ikun ġie in pussess tal-merkanzija, huwa ma jkunx jista' jirrifjuta li jirrimborża lill-Bank il-prezz li dana jkun ħallas;

Illi inoltre, fil-każ preżenti, fid-dokument li minnu tirriżulta l-apertura tal-kreditu, iffirmat mill-konvenut nomine, tinsab inserita klawsola konċepita f'dan is-sens, jiġifieri:— "If I/We take delivery of the goods in respect of this credit against a guarantee to the Shipping Company, I/We agree (1) to accept the relative documents without questions in spite of any difference in order that you may authorise release of any indemnity which has been taken, (2) to authorise payment to be effected". Din hija l-applikazzjoni tar-regola enunċjata, li ġiet inkorporata fil-kuntratt, u għalhekk il-konvenut, li rċieva u ħa taħt idejh il-merkanzija, għandu jirrifondi lill-Bank attur il-pagament li dan għamel, mhux biss minħabba r-regola, imma anki in forza tal-ftehim. Huwa veru li fil-klawsola fuq riferita tissemma konsenja kontra garanzija, iżda dana ma jġib ebda tbiddil għal dak il ngħad, billi fil-każ ta' ħlas kontra dokumenti wieħed jirtira l-merkanzija, jekk mhux in forza ta' dawk id-dokumenti, b'garanzija. In forza ta' dik il-klawsola, il-konvenut nomine hu tenut jawtorizza l-ħlas, jirrimborża

lill-Bank attur ta' dak il-ħlas, u jaċċetta d-dokumenti mingħajr kwistjoni, "in spite of any differences", ladarba ottjena l-konsenja tal-merkanzija;

Il-ftehim bejn Stella u l-konvenut nomine ma jaffettax lill-Bank attur, u lanqas lill-Banca Commerciale Italiana ta' Catania fuq riferita. Dawn ma ħadux parti fih. Il-merkanzija allura lanqas ma kienet fid-disponibbiltà tad-ditta "Fontana", li għaliha Stella aġixxa, għaliex id-dokumenti ma kienux f'idejha; kienu diġà għaddew għand il-banek;

Rat il-petizzjoni tal-konvenut nomine, li biha appella mid-deċiżjoni fuq imsemmija u talab li tiġi revokata, u li konsegwentement id-domandi jiġu respinti; bl-ispejjeż tażżewġ istanzi;

*Omissis;*

Ikkunsidrat;

Il-fatti li minnhom oriġinat din il-kawża jinsabu sufċjentement riepilogati fil-parti espożittiva tas-sentenza li minnha sar l-appell. "In diritto" ma jidherx li jista' jiġi dubitat li l-fattur fondamentali u deċiżiv ta' dan il-proċess, li in bażi tiegħu l-kwistjoni tista' tiġi ridotta "ai minimi termini", jikkonsisti filli l-konvenut nomine, non ostante l-oppożizzjonijiet tiegħu inizjali, irtira l-merkanzija;

Ma hemmx dubju li fl-aperturi ta' kreditu l-obligazzjonijiet tal-Banka ordinatorja huma ċirkoskritti mill-kondizzjonijiet tal-apertura tal-kreditu. Fost l-obligi tal-Banka ordinatorja hemm dak li tivverifika r-regolarità tad-dokumenti, li jiġu lilha preżentati, sabiex tara jekk jikkorrispondux mal-klawsoli tal-akkreditament (App. Genova 9 ta' Diċembru 1926, Temi Gen. 1927, 58; App. Milano 14 maggio 1927, Monit. Trib. 1927, 738). Għalhekk, normalment, il-Banka attriċi, f'dan il-każ, qabel ma tħallas, kien ikollha tikkunsidra anki ċ-ċirkustanza tad-diskrepanza bejn iddata tal-polza tal-kariku u dik taċ-ċertifikat tas-"Sorveglianza", in kwantu li din id-diskrepanza setgħet jew le tirrifletti fuq il-klawsoli tal-apertura tal-kreditu; u normalment il-Qorti kien ikollha teżamina l-kwistjoni, fil-każ li l-Banka ħallset non ostante dik id-diskrepanza, jekk il-Banka għamletx sewwa jew kienetx in kolpa filli ma tagħtix

*każ ta' dik id-diskrepanza. Imma, fil-każ preżenti,* l-irtir tal-merkanzija mill-parti tal-konvenut jissana l-ħlas magħmul mill-Banka attriċi; għaliex dak l-irtir bilfors jimplika l-aċċettazzjoni tar-regolarità tad-dokumenti. Hu għal kollox illoġiku u antiġuridiku mill-parti tal-konvenut li jinkolpa l-Banka attriċi bi ħlas ħażin minħabba irregolarità tad-dokumenti, meta hu stess aċċettahom bil-fatt li rtira l-merkanzija. Diversament jiġi kreat l-assurd li l-kommittent tal-apertura tal-kreditu jista', minn naħa waħda, jirtira l-merkanzija u jispekulaha, u minn naħa l-oħra jirrifjuta li jħallas lill-Banka ordinatorja, li tkun ħallset għalieħ il-prezz tal-istess merkanzija;

Ingħad mid-difensur tal-appellant li l-merkanzija ġiet irtirata għaliex bejnu u r-rappreżentant tal-karikatur, Giovanni Stella, li kien hawn Malta, sar arranġament li kien jimporta *riduzzjoni tal-prezz,* u kwindi hu ġie preġudikat. Però l-Qorti tosserva li, kif esprimiet ruħha l-Corte di Cassazione del Regno, Pres. D'Amelio, fil-kawża Banca Carlo Bonsa e C. c. Società Italiana di Credito e Banca Commerciale Italiana, deċiża fit-28 ta' Lulju 1932, riportata fir-rivista "Giurisprudenza e Dottrina Bancaria", paġ. 127 et seq:— "*L'apertura di credito è una obbligazione autonoma, alla quale restano estranei i rapporti al di fuori della sua sfera*". U kif jesprimu ruħhom l-awturi Bolaffio e Vivante, Cod. Comm. Commentato, Vol. VI, paġ. 434, "...... (la banca) assume nomine proprio verso il venditore l'obbligazione diretta di pagare la somma secondo le condizioni dell'apertura di credito, indipendentemente dai rapporti particolari fra il compratore che ha conferito ad essa l'incarico dell'apertura di credito ed il venditore beneficiario di questa......" U konsegwentement, l-akkordji li saru bejn il-konvenut nomine u Stella għan-nom tal-karikatur ma setgħux jiġu bl-ebda mod ġuridikament invokati biex iwasslu għall-preteża inadempienza tal-Banka attriċi. Din kienet estranea għal dawk l-akkordji, u kienet biss vinkolata mit-termini tal-kummissjoni tagħha, kif *manifestati* lill-benefiċjarju;

Għalhekk għandu jiġi ritenut li, meta l-Banka attriċi ħallset fuq l-apertura ta' kreditu, dak il-ħlas ma jistgħax jiġi mpunjat mill-konvenut nomine, ġa ladarba hu rtira l-merkanzija; u jiġi għalhekk li l-Banka attriċi ħallset in eżekuzzjoni u fit-termini tal-inkariku tagħha, u l-konvenut nomine kumpratur hu obligat jirrifondi s-somma hekk imħallsa;

Ma hemmx għalfejn tiġi affrontata, għalhekk, il-kwistjoni jekk il-kondizzjoni li tinsab fl-apertura tal-kreditu imsemmija fit-tielet paragrafu tan-nota tal-attur nomine fol. 62, għandhiex ukoll tikkonsolida l-azzjoni attriċi; għaliex il-fatt tal-irtir tal-merkanzija hu biżżejjed biex jilleġittima d-domanda tar-rimborż;

Hu xieraq, però, li jingħad, għall-isfond tal-kawża, li evidentement l-istess konvenut nomine ħass li l-pożizzjoni tiegħu kienet ġiet definittivament u deċiżament stabbilita bil-fatt tal-irtir tal-merkanzija; għaliex, "ex confessis" (ara xhieda tiegħu fol. 47), meta mar hu ikellem lill-impjegat tal-Banka attriċi, li kien bagħat jgħidlu li d-dokumenti waslu, il-konvenut, fil-waqt li rrilevalu d-diskrepanza fuq imsemmija, xejn ma qallu li kien ġa ħa f'idejh il-merkanzija bla dokumenti peress li hu stess kien ir-rakkomandatarju tal-vapur; u meta qal lil dak l-impjegat u lid-direttur tal-Banka li d-dokumenti ma riedx jaċċettahom, ħallihom jaħsbu — kif kien naturali li jaħsbu — li ma kienx bi ħsiebu jirtira l-merkanzija, mentri din kienet diġà għandu;

Għar-raġunijiet fuq miġjuba;

Tiddeċidi;

Billi tiċħad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata; bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra l-konvenut nomine.